MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 18/2007

**Joseph Izzo**

**vs**

**Oliver Galea li jiggestixxi n-negozju bi *trade name* 'Audio'**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Awissu, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fil-21 ta' Gunju 2007 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' erba' mija u disghin Liri Maltin (Lm490) rapprezentanti prezz ta' LCD television illi mill-ewwel kellu xi hsarat.

L-intimat baghat risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta intimata u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkonsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti xtara LCD television fl-4 ta' Awissu 2005 u wara ftit granet kellu xi hsarat li minkejja illi l-intimat kien qallu illi dak kien 'common fault', u li kienu qeghdin jistennew xi parts minn barra, dawn il-'faults' baqghu ma gewx irrangati minkejja diversi tentattiva mill-intimat sabiex jirrangah.

L-intimat issottometta illi l-hsara kienet qieghda tigi kkawzata minn xi qtugh tad-dawl jew 'flactuations' fis-sistema tad-dawl tar-rikorrenti u b' hekk tigri hsara fl-'Power Supply pcb'. L-ewwel darba kienu bidlu xi parts minn dik il-'Power Supply pcb' u meta regghet kienet irrapurtata l-istess hsara huma biddlu l-'pcb' kollha;

Ezamina l-'electrocorder summary' prodotta mill-Enemalta.

It-Tribunal jinnota illi:-

Ir-rikorrenti xtara LCD television illi mill-ewwel kellu xi hsarat/difett u li minkejja diversi tentattivi din il-hsara/difett baqa' ma giet solvuta;

Illi minkejja illi nbidlu kemm 'part' u kemm il-'board' din il-hsara/difett baqghet persistenti;

Illi r-raguni illi ta l-intimat ghal din il-hsara/difett kienet li r-rikorrenti kellu 'flactuations' fis-sistema

tad-dawl elettriku kif ukoll wara qal li din kienet xi haga ohra fis-sistema.

Illi r-rapport ufficcjali prodott mill-Enemalta juri illi ma hemm ebda ‘flactuations’ fis-sistema tad-dawl tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jinnota illi minkejja diversi tentattivi l-hsara/difett ma setax jigi solvut mill-intimat u anke jekk kienet xi haga fis-sistema din ma hijiex accettabbli u ghalhekk jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ tliet mija u tmenin liri Maltin (Lm380) bl-ispejjez kontra l-istess intimat b’ dan illi l-LCD television isir proprjeta` ta’ l-intimat wara li jkun sar l-hlas.”

L-Appell tal-konvenut fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza jirpoza fuq dan il-binarju duplici:-

(1) It-Tribunal mar manifestament kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita`, l-ekwita u l-gustizzja b’ mod li kiser il-jeddijiet tieghu;

(2) Minn imkien ma jirrizulta ppruvat li t-television in kwestjoni fil-fatt jikkontjeni d-difett allegat mill-attur jew li tali difett hu wiehed persistenti;

Ghall-inkwadrament tal-kwestjoni suggerita bl-ewwel aggravju, huwa xieraq li jigu llustrati fil-qosor dawn l-antecedenti li wasslu ghas-sentenza appellata:-

(1) L-Avviz gie pprezentat fit-30 ta’ April 2007 u l-kawza appuntata ghat-3 ta’ Lulju 2007 b’ avviz emess mit-Tribunal fil-11 ta’ Gunju 2007;

(2) Fil-frattemp fid-9 ta’ Mejju 2007 l-attur intavola avviz ta’ tahrika tax-xhud Anthony Darmanin;

(3) Mir-riferti postali jirrizulta li kemm dan ix-xhud kif ukoll il-konvenut ma gewx notifikati bir-rispettivi avvizi billi dawn baqghu "*unclaimed*". Jidher minn riferta ohra tat-18 ta' Gunju 2007 illi l-konvenut kien iddikjara lil Marixxal inkarigat mit-tqassim ta' l-avviz illi hu ma kellux x' jaqsam mal-hanut "Audio";

(4) Finalment il-konvenut gie notifikat fit-28 ta' Gunju 2007 u fl-istess jum huwa ghadda biex introduca ir-risposta tieghu ghat-talba attrici;

(5) Jidher ukoll illi dejjem f' dak l-istess jum Karl Galea kiteb lir-Registru tat-Tribunal li la hu u lanqas ix-xhieda tieghu ma setghu jattendu ghall-udjenza ffissata. Din l-ittra ma ntbghatetx bil-posta izda tqassmet direttament lill-istess Registru fit-2 ta' Lulju 2007. Dan skond annotament apportat fuqha;

(6) Skond il-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Lulju 2007 jirrizulta li deher l-attur assistit mill-Avukat tieghu, kif ukoll l-imsemmi Karl Galea. Il-kawza giet imbaghad imhollija ghas-sentenza;

Fermi dawn il-fatti kif johorgu mill-inkartament tal-kaz, l-ilment centrali ta' l-appellant taht l-ewwel motiv ta' aggravju jiffoka fuq is-sottomissjoni illi hu ma nghatax l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu, u tali jikkostitwixxi vjolazzjoni tar-regola fundamentali tal-gustizzja naturali;

Fl-izvolgiment tal-konsiderazzjonijiet taghha fuq dan il-punt, il-Qorti jidhrilha li jkun opportun jekk ghal darba ohra, kif ghamlet f' decizjonijiet anterjuri taghha, tirribadixxi dawn il-precizazzjonijiet:-

(1) Kull tribunal, ta' liema xorta hu, ghandu jirrispetta l-principju tal-kontradittorju. Ksur ta' dan il-principju jissarraf f' nullita tal-procediment u, konsegwentement, tad-decizjoni;

(2) Ghall-iskop li jkun accertat jekk fil-kaz partikulari jezistix tali ksur, wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-argomenti li fuqhom hi mibnija d-decizjoni u jistabilixxi jekk il-partijiet inghatawx il-possibilita` li jiddiskutu fatti u cirkostanzi li minnhom evolviet ir-*ratio decidendi* tas-sentenza, u eventwalment jekk kienx hemm elementi li jillustraw konvinciment divers;

(3) Naturalment, it-tharis tal-precitat principju jrid jigi inkwadrat fil-parametri tal-provvedimenti specifici dettati mil-ligi ghall-izvolgiment u regolamentazzjoni tal-kwestjoni quddiem it-Tribunal specjali li jkun hekk adit. F' dan il-kaz, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi mwaqqaf taht it-Taqsima III ta' l-Att XXVIII ta' l-1994 (Kapitolu 378);

(4) Wisq naturali wkoll, biex appellanti jissodisfa l-aggravju tieghu u jirrivendika d-dritt tieghu ta' gustizzja naturali, li hu jilmenta li gie michud lilu jew mhux adegwatament imhares, huwa jrid jipprova li sofra l-privazzjoni ingustament, jigifieri, mhux bi htija addebitabbli lilu, ghax inkella jissubentra l-principju l-iehor "*qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*". Ara decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Doris Camilleri -vs- Cettina Scerri**", 25 ta' Frar 2004;

Premess dan, jibda biex jigi osservat illi hu provvediment car tal-ligi, ex-Artikolu 23 (1) ta' l-Att illi quddiem it-Tribunal l-arbitru jirregola l-procedimenti bil-mod li jahseb li jkun l-aktar xieraq ghall-finijiet li tintaghmel gustizzja skond id-dettami ta' gustizzja naturali. Hu dispost ukoll li "jista' jitgharraf b' kull mod li jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova", kif ukoll li jizgura li l-kawza timxi bi speditezza. Ara subparagrafi (b) u (a) tas-subinciz (2) ta' l-istess Artikolu 23. L-importanti jibqa' dejjem dak tal-principju li hu jiddeciedi "skond kull mertu u gustizzja sostantiva tal-kaz, u skond l-ekwita`" (Artikolu 21);

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta bhala fatt illi minn xhur qabel, it-Tribunal iffissa l-ewwel udjenza ghas-smigh tal-kaz u

jekk il-konvenut appellant ma giex tempestivament notifikat bl-avviz dan certament mhux tort la tal-kontroparti u lanqas tat-Tribunal in kwantu hu, ghar-raguni li m' ghandhiex mis-sewwa, naqas li jaccetta l-avviz bl-iskuzanti li ma kellux x' jaqsam mal-hanut. Intant, hu lanqas ma jista' jilmenta illi ma kellux zmien anticipattiv sufficjenti ghad-difiza tieghu billi fl-istess jum tan-notifika ntroduca r-risposta tieghu ghat-talba ta' l-avversarju. Hekk ukoll din il-Qorti ma tarax is-serjeta fil-proposizzjoni li hu ma kellux zmien biex iressaq il-provi tieghu konsistenti minn xhieda, dipendenti tieghu. Is-smigh tal-kawza u r-regolamentazzjoni taghha certament ma kellhomx jiddependu mill-esigenzi tan-negozju tieghu jew minn "appuntamenti personali" li baqghu ma gewx divulgati x' kienu. Ikollu jinghad illi l-garanzija ta' l-attwazzjoni tal-principju tal-kontradittorjeta` ma tikkontemplax ta' bilfors in-necessita tal-prova testimonjali hlief fejn dan ikun hekk lampantement dettat mill-fattispeci. Ma' dan irid jizdied illi tali prova ma kellha qatt, imbaghad, tkun assoggettata ghal volonta unilaterali tal-parti biex dan iressaqha 'l quddiem meta jkun hekk komdu li jaghmel. Hu, del resto, ben pacifiku anke fil-procedimenti sagramentali quddiem Qorti illi l-gudizzju fuq l-ammissibilita` u r-rilevanza tal-provi jridu dejjem ikunu ispirati ghall-esigenzi tar-razzjonalita u ta' l-ekonomija processwali, rientranti fil-valutazzjoni diskrezzjonali ta' min hu msejjah biex jiggudika. *Multo magis,* dan hu hekk b' superjuri forza rafforzata fil-procedimenti quddiem it-Tribunal adit, kif mis-senjalazzjonijiet tad-disposizzjonijiet tieghu, uhud minnhom fuq esposti, hu manifestament il-kaz;

Ghall-ikkompletar tal-konsiderazzjoni ta' l-ilment sottopost, din il-Qorti trid taggungi illi qajla tapprezza n-necessita tal-prova li l-appellanti jghid li ried iressaq. Huwa nnifsu jaccetta fit-twegiba bil-miktub ghall-pretensjoni ta' l-attur illi t-Television vendut kien jirrikjedi tiswija ta' xi komponenti tieghu. Kwantu ghall-attribuzzjoni asserita minnu illi l-problema kienet insita fis-sistema ta' l-elettriku fil-fond ta' l-attur, u mhux fil-unit, it-Tribunal kellu quddiemu d-dikjarazzjoni sottoskritta mit-tekniku ta' l-Enemalta Corporation illi l-voltagg ta' l-elettriku fil-fond ta' l-attur kien

"*normal*" u "*within average*". Anke taht dan l-aspett ic-censura lancjata mill-appellanti illi t-Tribunal mar kontra d-dettami ta' l-ekwita` u tal-gustizzja sostantiva ma tregix u hi insostenibbli. Dan ghaliex dik il-gustizzja sostantiva hi sew konfortata minn modiku ta' fatt ippruvat (ara "**Carmel Gerada -vs- Charles Borg Barthet (Beta Centre)**", Appell, 29 ta' Jannar 1999);

Dan li ghadu kif appena gie rifless japplika ugwalment fil-konsiderazzjoni tat-tieni aggravju. Il-Qorti hi sodisfatta fil-kumpless illi l-prova tad-difett illanjat saret, u li tali difett kien wiehed anke gravi u persistenti li rrikjeda riparazzjoni ripetuta. F' tema purament legali ma jistax ma jigix akkolt il-hsieb traccjat f' xi sentenzi illi "min ihallas il-prezz gust ta' haga gdida ma ghandux jigi kostrett jikkuntenta b' haga msewwija, kbira jew zghira kemm tkun dik it-tiswija" (Ara **Kollez. Vol. XXXVIII P I p 279** u **Vol. XLI P III p 1194**);

Qabel ma taghlaq il-Qorti thossha fid-dmir li tikkorregi l-impressjoni zbaljata ta' l-appellat illi l-appell lil din il-Qorti minn decizjoni tat-Tribunal *de quo* hi marbuta ma' punt ta' ligi. Dan mhux il-kaz, kif hu ben evidenti mid-dispost ta' l-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 378.

Ghall-motivi kollha premessi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------